**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 4 ta' Mejju, 2016

Rikors Kongunt numru : 949/15 AL

Avukat Dr. Peter Fenech (karta tal-identita numru 67468 M)
bhala mandatarju specjali tal-assenti AB

u

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti Florentina Lisandru, li permezz tieghu ppremettew:

Illi l-partijiet izzewwgu fis-26 ta' Ottubru 2005 gewwa l-Ufficju taz-Zwieg ta' Kuttippuram, l-Indja (certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. A) u bdew jirrisjedu gewwa Malta fil-bidu ta' Novembru tal-istess sena;

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Illi l-partijiet isseparaw de facto fil-15 ta' Lulju 2010 u f'Ottubru tal-istess sena l-esponent Syam Ravi Menon telaq ghal kollox minn Malta filwaqt li l-esponenti Florentina Lisandru baqghet tghix hawn Malta;

Illi l-partijiet qatt ma ghexu flimkien sa mis-separazzjoni de facto taghhom;

Illi l-partijiet ghalhekk qed jghixu hajja totalment independent minn xulxin u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi l-partijiet qeghdin jirrinunzjaw reciprokament ghal kull dritt li jircievu manteniment minghand xulxin;

Illi l-partijiet jridu ihollu z-zwieg fuq imsemmi;

Illi l-partijiet jissodisfaw il-kriterji impost mill-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi :

1. Il-partijiet ghexu separatament ghal perjodu ta' aktar minn erba' snin matul l-ahhar hames snin;
2. Ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
3. Ebda manteniment ma huwa dovut;

Talbu sabiex din il-Qorti :

1. Tordna li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet nhar is-26 ta' Ottubru 2005 gewwa Kuttippuram, l-Indja jigi mahlul;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien iffissat minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

U dan taht kull provvediment iehor li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Novembru 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi l-partijiet ghaddew mill-proceduri ta' medjazzjoni u effettivament waslu ghal ftehim bonarju

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi l-partijiet ghaddew mill-proceduri ta' medjazzjoni u effettivament waslu ghal ftehim bonarju u isseparaw legalment permezz ta' kuntratt illi gie ippubblikat fl-14 ta' Dicembru 2015. Illi l-Qorti rat illi l-partijiet ippruvaw illi ilhom de facto separati mill-15 ta' Lulju 2010 u illi ir-rikorrenti Syam Ravi Menon telaq ghal kollox minn Malta fil-15 ta' Lulju 2010;

Illi l-Qorti rat ukoll illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment, kif ukoll illi huma ma kellhomx tfal minn dan iz-zwieg;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.